MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 989/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Qbid Numru 1547/13 fl-ismijiet:

Dylan **AZZOPARDI**

vs

Peter **ŻAMMIT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta’ Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Peter u Charlotte miżżewġin Żammit li bih talbu li din il-Qorti tħassar l-effetti kollha tal-Mandat ta’ Qbid fuq imsemmi maħruġ kontra Peter Żammit (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) mill-intimat Dylan Azzopardi (aktar ’il quddiem imsejjaħ l-“eżekutant”) fit-8 ta’ Ottubru, 2013, u eżegwit fil-15 ta’ Ottubru, 2013, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan billi l-imsemmi mandat huwa null u bla effett legali;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta’ Ottubru, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant u tatu żmien kif jitlob l-artikolu 836(3) tal-Kap 12 biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fit-8 ta’ Novembru, 2013, li biha laqa’ għat-talba tar-rikorrenti billi, b’mod preliminari, qal li r-rikors ma jiswiex għaliex it-talba għat-tħassir tal-Mandat qiegħda ssir minn Charlotte Żammit – mart l-eżekutat – li kontra tagħha ma nħareġ l-ebda Mandat, u dan biex tgħid li l-ħwejjeġ maqbuda bil-Mandat kienu ġid parafernali tagħha. Fil-mertu, laqa’ billi qal li s-separazzjoni tal-beni bejn il-miżżewġin ma torbotx lil terzi kredituri ta’ djun li waħda mill-miżżewġin tkun għamlet qabel ma tkun saret dik il-firda tal-ġid. Minbarra dan, żied jgħid, il-fatt li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni sar biss ftit jiem wara li nħalaq il-kreditu favur tiegħu mill-eżekutat inissel suspett li kulma sar bejn ir-rikorrenti kien maħsub “li jiġu defrodati l-kredituri”. Fl-aħħarnett żied jgħid li ma jistax ikun li kull ħaġa mobbli li tinsab fid-dar taż-żwieġ kienet tabilħaqq ġid partikolari ta’ mart l-eżekutat u li ma kien hemm xejn li nkiseb minnhom matul iż-żwieġ;

Rat l-atti kollha tar-rikors u kif ukoll dawk tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitħassar il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ kontra l-eżekutat mill-eżektant fid-9 ta' Ottubru, 2013, biex iħares pretensjonijiet ta' kreditu li l-istess eżekutant jgħid li għandu kontra l-eżekutat bis-saħħa ta' kambjala aċċettata mill-eżekutat u li ma tħallsitx meta immaturat;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma li l-ħwejjeġ mobbli maqbuda (elevati) fl-eżekuzzjoni tal-Mandat huma kollha ġid partikolari (parafernali) tar-rikorrenti Charlotte Żammit u għalhekk il-Mandat huwa null u bla siwi. Dan isejsuh fuq iż-żewġ kawżali: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti; u (b) li fiċ-ċirkostanzi, mhuwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv ntalab u nħareġ fid-9 ta' Ottubru, 2013, dwar "sorti" ta' sittin elf euro (€60,000) u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "import ta' kambjala mhux onorata". Il-Mandat inħareġ biss kontra l-eżekutat. L-eżekuzzjoni ntalbet biex isir qbid ta' ishma tal-eżekutat fil-

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

kumpannija Żammit General Stores Limited u kif ukoll fil-post 45, Old Mill House, Old Mill Street, fil-Mosta. Dak inhar ukoll, l-eżekutant ressaq rikors biex jinħatar kunsinnatarju, liema talba ntlaqgħet b'degriet ta' dakinhar stess;

Illi fil-15 ta' Ottubru, 2013, saret l-eżekuzzjoni tal-qbid mill-post imsemmi u l-għada tressaq ir-rikors li fetaħ din il-proċedura;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom. Iżda, qabel xejn, il-Qorti trid tistħarreġ "eċċezzjoni preliminari" mqanqla mill-eżekutant intimat dwar is-siwi tar-rikors. Huwa jisħaq li t-talba qiegħda ssir minn Charlotte Żammit u żewġha l-eżekutat, meta l-Mandat ma nħariġx kontra l-imsemmija Charlotte Żammit. Il-Qorti ssib li, f'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tal-eżekutant hija f'lokha u tajba;

Illi l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li l-liġi tagħti r-rimedju maħsub f'dak l-artikolu lil "l-intimat li jkun inħareġ l-att kawtelatorju kontrih" u lil dik il-persuna biss. Kif ingħad qabel, il-Mandat mertu ta' din il-proċedura nħareġ biss kontra l-eżekutat u mhux ukoll kontra martu. Fid-dawl ta' dan il-fatt u tal-fatt li l-Mandat li għalih jirreferi dan il-provvediment inħareġ biss kontra persuna intimata waħda – jiġifieri r-rikorrent eżekutat Peter Żammit – ir-rikorrenti l-oħra Charlotte Żammit mgħandhiex la interess ġuridiku u lanqas *locus standi* f'din l-għamla ta' proċedura u r-rimedji li hija tippretendi jmissha ddur lejhom fi proċedura ta' xort'oħra[2];

Illi, madankollu, jifdal raġuni għaliex, issa li l-Qorti iddisponiet mill-imsemmija "eċċezzjoni" preliminari tal-

[2] P.A. AJM **4.6.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Strand Marine Ltd vs Simon Borġ Bartolo***

intimat eżekutant, tqis it-talbiet tal-eżekutat fil-mertu. Għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi, kif ingħad, l-eżekutat iserraħ it-talba tiegħu fuq żewġ kawżali li dwarhom jistenna li t-talba tiegħu tiġi meqjusa:

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[4]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-eżekutat jilminta mill-fatt li l-ħwejjeġ li nqabdu mid-dar huma kollha ġid parafernali ta'

---

[3] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

martu. Huwa jgħid dan għaliex bis-saħħa ta' kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013[5], hu u martu stabilew is-sistema tas-separazzjoni tal-beni minn dak inhar 'il quddiem u b'hekk neħħew għal kollox is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. Dak il-kuntratt kien awtorizzat b'degriet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tat-2 ta' Settembru, 2013;

Illi l-Qorti ma hijiex tal-fehma li dan l-argument iwassal tassew għat-tħassir tal-Mandat. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li l-eżekutant ma talabx eżekuzzjoni biss fuq il-mobbli tal-imsemmi post, imma wkoll fuq ishma li l-eżekutat għandu f'kumpannija. Fit-tieni lok, ma joħroġ mill-ebda parti tal-kuntratt fuq imsemmi li l-għamara u l-mobbli li jinsabu ġo dak il-post huma tabilħaqq ġid partikolari ta' mart l-eżekutat. Għall-kuntrarju, sakemm ma jridux jgħidu li, fl-istess kuntratt, għamlu dikjarazzjoni falza, huma stess jiddikjaraw li sewwasew parti mill-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li kienu qegħdin itemmu minn dakinhar 'il quddiem kien jgħodd fih "*all of the contents of the matrimonial home in Mosta*". Dik id-dikjarazzjoni hija dijametrikament opposta għar-raġuni waħdanija li fuqha r-rikorrenti qegħdin jitolbu t-tħassir tal-Mandat. Meta fl-istess att nutarili l-eżekutat ittrasferixxa sehemu mid-dar, ma ssemmiex ukoll li kien qiegħed jittrasferixxi lil martu sehemu mill-ħwejjeġ li bihom dik id-dar hija mgħammra;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, joħroġ li r-raġuni mogħtija mir-rikorrenti miżżewġin Żammit tagħti l-impressjoni mad-daqqa ta' għajn li dan huwa tentativ biex jinġabu fix-xejn l-effetti ta' Mandat li jiswa u li jistħoqqlu jibqa' fis-seħħ sakemm jintemmu l-proċeduri fil-mertu dwar il-kwestjoni bejn il-partijiet[6];

Illi dan qiegħed jingħad minbarra l-fatt li l-ilment ewlieni tal-imsemmija rikorrenti – jiġifieri li l-ħwejjeġ kollha maqbuda bis-saħħa tal-imsemmi Mandat minn ġod-dar

[5] Dok "A", f'paġġ. 2 – 5 tal-atti
[6] Ara P.A. GV **15.10.2010** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Mambra Electronics Limited***

fejn jgħixu huma ħwejjeġ personali tal-mara – ma jaqax taħt waħda mir-raġunijiet li twassal għat-tħassir tal-Mandat, imma, fl-aqwa ipoteżi, għat-tħassir tal-eżekuzzjoni tal-Mandat, li huma żewġ kunċetti li jmisshom jingħarfu minn xulxin[7]. It-tħassir tal-eżekuzzjoni ta' Mandat jintlaħaq bi proċedura mfassla apposta għalih[8], u li mhijiex ir-rikors maħsub taħt l-artikolu 836;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juriha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) Il-kawżali li jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent qiegħed jerġa' jirreferi għaċ-ċirkostanzi msemmija fil-kawżali ta' qabilha;

Illi l-Qorti ssib li r-rikorrent ma jistax jinqeda bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu biex iħassar l-effetti tal-Mandat. Minbarra dak li ngħad qabel dwar kemm hija minnha l-allegazzjoni li kulma jinsab fid-dar taż-żwieġ kien ġid partikolari ta' mart l-eżekutat, jibqa' jrieġi l-argument li jekk xorta waħda dan kien minnu, xorta l-eżekutat m'għandux l-interess ġuridiku li jitlob it-tħassir tal-Mandat, imma, jekk irid, jitlob it-tħassir tal-eżekuzzjoni tiegħu bil-proċedura xierqa;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent eżekutat u tar-rikorrenti martu billi:

---

[7] P.A. TM **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Cutajar vs Arva Insurance Agency Ltd. noe***
[8] P.A. TM **23.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Paċe***

**Tiċħad it-talba** tagħhom għat-tħassir tal-Mandat billi r-raġunijiet miġjuba ’l quddiem ma jirriżultawx mistħoqqa. **Bl-ispejjeż** kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------